**Suġġett:** Storja ta' Malta
**Klassi:** Form 2
**Topik mis-Sillabu:** ***Is-sistema fewdali f'Malta b'referenza ghal Cardona u Monroj***

**Objettivi - Sa l-a˛˛ar tat-topik l-istudent se jkunu:**

**Ħiliet stori≈i :** Użaw sorsi differenti (p/t/k)
Empatizzaw ma' persuni li għexu fi zmien fewdali (k)
Osservaw kuntesti u ħadu noti fuqhom (p)

**Kun≈etti:** Stħarrgu s-sistema fewdali (p)
Ħolqu stampa ta' kif kienet Malta fis-seklu 13 (s/t/k)
Iddiskutew xi rwoli kellhom nies differenti fis-soċjeta (p/k)
Esperjenzaw ir-relazzjoni bejn il-Belt u r-raħal (t)
Flew il-ġrajjiet ta' Cardona u Monroj (p)

***Xi jridu jkunu jafu qabel (pre-requisite):***
Il-Ħakmiet differenti ta' żmien il-Medjuevu (mill-Għarab sa l-Aragoniżi)

## Lezzjoni Introduttorja

- ***Stħarrgu s-sistema fewdali minn lenti familjari***
- ***Użaw il-ktieb 'Ġrajjiet Malta' bħala sors ta' informazzjoni***

**Attività**
Jinqasmu fi gruppi t'4
Iqallbu l-ktieb 'Ġrajjiet Malta' minn paġna 7 (in-normanni) sa l-aragoniżi (pg 50) u…

***Identifikaw titli importanti ta' nies li kellhom x'jaqsmu ma' Malta***
*(konti, sultan/re, nobbli, sid fewdatarju) ez* **il-Konti Ruggieru**

**Stħarrig tar-riżultati**
Lista fuq il-whiteboard ta' l-ismijiet u t-titli u bnadar (Fig. 4?)
Għaliex ikun hemm sultan, konti, nobbli? X'taħseb li kien hemm differenti bejn li tkun sultan u li tkun konti? Minn kellu l-izjed poter? Fejn kienu joqogħdu? Lil min kienu jikkmandaw?

(**THINK - PAIR – SQUARE**: Jiktbu l-ideat tagħhom; Jaqsmu l-ideat ma' ta' ħdejhom;żewġ pari jingħaqdu u jkomplu bid-diskussjoni)

Hawnhekk l-għalliem ħa jsemmi l-ismijiet u fl-istess waqt isaqsi għal immaġinazzjoni. L-istampa aħħarija tista' tkun waħda xi ftit fantastika

Is-sistema ta' voluntiera tag˛ti ċans lil min għandu patterns predominanti differenti jieħu sehem meta jixtieq hu. Fl-aħħar tat-topik, iżda, kulħadd irid ikun ta' sehmu…

L-introduzzjoni qed t˛allat il-preċiżjoni tas-siltiet ma' iżjed konfluwenza u immaġinazzjoni tal-video

F'dan il-każ min għandu sekwenza għolja se jistaqsi ħafna mistoqsijiet biex jifhem l-instructions. Dawn għandhom jingħataw dan l-ispazju

Tajjeb insemmu li hawn għandna taħlita ta' preċiżjoni (dettall), konfluwenza (immaġinazzjoni) u teknika (esperjenza reali)

**Id-diskussjoni wara tinfirex mal-klassi sħiħa u jsir skambju ta' ideat. L-għalliem jiggwida d-diskussjoni u l-ideat ta' l-istudenti – titli oħra bhal Baruni, Kavallier, Duka, eċċ.**

**Xogħol ghad-dar**

Voluntiera – id-dar jippreparaw siltiet minn *Zmien l-Ispanjoli* ta' Ġuże Galea (pg 3 – 5; u 5 – 7) oħrajn jagħtu kaz li joħolqu xenarji li jistgħu jgħinu fl-ambjentazzjoni: stampi, mudelli, ecc. Dawn jingħataw xi għajnuna bi stampi (Fig. 2).

Din il-parti se timxi pjuttost b'mod ta' sekwenza. L-għalliem jagħti kaz min jevita dan il-pattern.

## DAY 2/3

- ***Daħlu fiż-zarbun ta' persuni li għexu fi żmien fewdali***
- ***Elaboraw fuq l-immaġinazzjoni tagħhom tal-ħajja fi żmien fewdali***
- ***Iddiskutew xi rwoli kellhom nies differenti fis-soċjeta***

**Introduzzjoni**

Jinqraw is-siltiet lil klassi
Jintwera silta qasira ta' belt minn *Lord of the Rings*

**Attività** (Think – Square)

Il-klassi tinqasam f'renji magħmulha minn erba' studenti. Kull student jingħata karattru mis-silta u/jew mill-video. Kulħadd irid jaħseb kif iwieġeb il-key questions għalih imbagħad jiddiskutieha fil-grupp.

**Per eżempju:** nobbli, suldat, raġel/mara komuni, qassis (meta jingħaqdu f'erba' f'kull grupp ikun hemm rappreżentanza ta' kull karattru – ara Fig. 3)

Kull renju jagħżel isem u jo˛loq *coat of arms* li jirrappreżentah bl-għajnuna ta' *template* (Fig. 4)

Jirrekjedi il-pattern ta' preċizjoni u availability ta' kompjuter u internet id-dar jew l-iskola

*Key Questions:*

X'nagħ˛mel fil-ħajja ta' kuljum?
X'inhi l-Iżjed ħaga importanti f'ħajti?

IL-KLASSI KOLLHA (diskussjoni mmexxijja mill-ghalliem)
Kull grupp se jirrappreżenta l-istampa tal-ħajja fir-renju tiegħu. F'dan l-istadju jkunu aċċettati anke stampi fantastiċi. L-importanti li l-istudent ikun mistoqsi minn fejn ġab dik l-idea…

Il-vjaġġ lejn u mis-siti se jagħti opportunita biex l-istudenti jiddiskutu x'qed jaraw matul it-triq u kif it-triq qed tgħaddina minn bejn l-irħula għall-belt ewlenija. Fiżikament qed nag˛mlu l-punt fuq ir-relazzjoni bejn il-belt u r-raħal

**Lezzjoni**
L-ghalliem/a jaqbad l-ispunti minn din id-diskussjoni u joħrog il-punt li dawn il-karattri kienu jeżistu f'sistema magħrufa bħala ***sistema fewdali*** (f'kuntest Ewropew mhux Malta biss – għajnuna ta' mappa ta' l-Ewropa)




**Konkluzjoni**
Kartoncina b'dawn il-punti:

**X'naf | X'nixtieq inkun naf | x'hemm bzonn insir naf**

bl-użu ta' materjal li ġabu xi studenti mill-lezzjoni ta' qabel.

**Xogħol ghad-dar**
Voluntiera jagħmlu riċerka fuq l-internet f'siti bhall-

http://www.learner.org/exhibits/middleages/feudal.html
http://www.mnsu.edu/emuseum/history/middleages/contents.html

u joħolqu ċarts bil-materjal li jsibu.

# DAY 4

- ***Osservaw kuntesti u ħadu noti fuqhom***
- ***Esperjenzaw ir-relazzjoni bejn il-belt u r-raħal***
- ***Esperjenzaw sorsi differenti (sorsi primarji)***

***Esperjenza ta' Osservazzjoni (Handout)***
Ħarga sa l-Imdina u Hal Millieri

L-Imdina (il-Belt)
- Palazzi tan-nobbli
- Is-swar (difiża u kif jagħlqu l-belt)
- It-toroq
- Pożizzjoni Ġeografika

Għandna nistennew li min għandu teknika għola hawnhekk ikun qed jixrob l-esperjenza – għandna nagħtu l-ispazju kollha biex dawn l-istudenti jħossuhom komdi jinternalizzaw dan kollu

Ix-xogħol jirrekjedi sekwenza u preċIzjoni. Peress li se jagħmlu kulħadd, irid ikun ċar ħafna x'għandu jsir

Il-ħolqien ta' stampa sħiħa tirrekjedi ħafna konfluwenza. Jekk din hija nieqsa il-parti fejn ngħaqqdu kollox bħal jigsaw puzzle għandha ssir bil-mod biex kulħadd isegwi. Dejjem l-aħjar jintuċa l-ogħla pattern tat-tfal biex naslu fejn hemm bżonn

Ħal Millieri (il-kampanja)

- L-ambjent agrikolu
- L-ambjent reliġjuż˝
- Pożizzjoni Ġeografika (mqabbla mal-baħar, irħula oħrajn u l-Imdina)

*Għodda:* Ikun hemm kamera diġitali għad-dispozizzjoni ta' min jixtieq jie˛u ritratti partikolari. Tingħata ħandout fuq kull sit li tiggwida l-ħsieb ta' l-istudenti.

| **Xogħol ghad-dar:**<br>Organizzazzjoni u illustrazzjoni tan-noti/leaflets. B'ħandout li sservi ta' gwida, kull student jikteb ftit punti dwar x'laqtu l-iktar fiż-żewg siti.<br>L-istudenti jaqraw il-ġrajja ta' Cardona u Monroj mit-*text book pg. 86 - 89*. |
|---|

## DAY 5

- ***Holqu stampa sħlħa ta' Malta fi żminijiet fewdali***
- ***Flew il-ġrajjiet ta' Cardona u Monroi fid-dawl ta' din l-istampa***

L-istudenti jaħdmu f'pari biex jieħdu s-sugu tal-ħarga tal-ġurnata ta' qabel. Dan isir bl-għajnuna tar-ritratti li jkunu ttiehdu matul il-ħarga.

| *Key questions:*<br>Int perit imqabbad tibni belt fi żmien fewdali – x'inhuma l-affarijiet li ma tistax tħalli barra? Għaliex? *Toroq, swar, knisja*<br>Int qassis f'Ħal Millieri. X'għandek x'taqsam mal-Belt ta' l-Imdina? Taħdem għalqa…ta' min hi? |
|---|

L-għalliem issa jgħin lill-istudenti jgħaqqdu l-biċċiet differenti li jadmu fuqhom matul l-erba' t'ijiem:

- Iċ-ċart ta' X'naf | x'nixtieq inkun naf | x'għandi bzonn inkun naf
- Sorsi bħall-kotba 'Ġrajjiet Malta' u 'Żmien l-Ispanjoli', il-film Lord of the Rings, ritratti tal-Ħarga
- Iċ-ċart ta' dawk il-voluntiera li rriċerkaw fuq siti ta' l-internet
- Stampi u mudelli ta' voluntiera ta' stampi ta' ħajja medjevali
- Artefacts tar-renji magħmula minn nobbli, qassis, suldat u bidwi

L-istudenti jiddiskutu u jevalwaw l-istampa ta' dak Iż-żmien għandhom f'moħħhom

***Lezzjoni ta' 20 minuta – 'Nifhmu l-∆rajja'***

Tingħad l-istorja ta' CARDONA U MONROJ fil-kuntest tas-sistema fewdali, b'rabta ma' 'Żmien l-Ispanjoli' li nqara fit-tieni ġurnata.

| *Key Questions:* |
|---|

Fiċ-ċart tas-Sistema Fewdali fejn kienu Cardona u Monroi; il-Maltin? U s-sultan min kien?
Taħsbu li Cardona u Monroi ġabu ruħhom hekk għax kienu nies kattivi?

**Assessjar:**

Organizzazzjoni u ˝jieda ta'  illustrazzjonijiet man-noti, ħandouts u materjal ieħor li ġabru matul dan it-topik. L-istudenti jistgħu joħolqu l-kapitlu tagħhom bit-titlu 'Is-sistema fewdali sa' Cardona u Monroj' bil-materjal kollu fil-fajl ta' ***Pubblikazzjoni Storika.***

L-assessment għandu jirrifletti l-esperjenza ta' tagħlim ta' l-istudent u li jkunu ntlaħqu l-miri kollha ta' l-objettivi tat-topik. F'dan il-każ tħalla miftuħ ħafna biex kulħadd ikollu ċ-ċans juża l-ogħla patterns tiegħu biex jagħmel din il-biċċa xogħol.